MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 1344/2011

**Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Sylvester James**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Sylvester James ta' 25 sena, iben Anthony u Helena nee' Galea, imwieled Pieta' (Malta), nhar it-28 ta' April, 1986 u residenti gewwa 'Nru 62, Triq Indri Cilia, Hamrun, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' 0209586(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fi Triq il-Kanun, Santa Venera u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin nhar l-1 ta' Novembru, 2011, ghall-habta tal-11.00 ta' filghodu;

1. Ikkommetta serq ta' propjeta', rota bil-mutur ghad-dannu ta' Kurt Buttigieg, liema serq hu aggravat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37),

2. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehdua b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghuhom jew imexxihom u cioe' rota bil-mutur.

Rrenda ruhu recvidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Ikkommetta reat matul il-perijodu ta' sentenza sospiza, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti ta' Malta mill-Mag. Onor. Dr. A. Vella LL.D. nhar il-11 ta' Mejju 2011, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Kiser il-kundizzjonijiet ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta f' sentenza tal-Qorti ta' Malta tal-4 ta' Lulju 2011 mill-Magistrat Onor. Dr. E. Grima LL.D.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Novembru 2011 (esebit a fol. 3 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarilu fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' rota bil-mutur li kellha valur ta' bejn €450 u €500 li sehh fl-1 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-11.00am minn Triq il-Kanun, Santa Venera liema serq sar ghad-detriment ta' Kurt Buttigieg. Mill-provi rrizulta li dan tal-ahhar mar bir-rota sabiex jixtri xi parts mill-hanut bl-isem 'Mario Camilleri' li jinsab f'Canon Road, Santa Venera u peress li kienet ix-xita u r-rota kienet imxarba sid il-hanut qal lil Kurt Buttigieg sabiex ihalli r-rota barra u dan fil-fatt halliha barra hdejn il-bieb tal-hanut. Waqt li kien fil-hanut kien hemm persuna ohra li gie identifikat kemm minn Kurt Buttigieg[1] kif ukoll minn Carmelo Camilleri[2], sid il-hanut, bhala l-imputat. Waqt li sid il-hanut kien qieghed igib xi parts min-naha ta' gewwa tal-hanut l-imputat hareg barra u Buttigieg sema' r-rota tieghu tistartja u ra lill-imputat tielaq biha. Huwa mar jaghmel rapport lil Pulizija dwar is-serq tar-rota. Il-Pulizija elevaw CCTV minn stabbiliment li jinsab vicin il-hanut minn fejn insterqet ir-rota u mill-istills mehuda minn dan il-footage[3] jidher persuna maskili ghaddej bir-rota li kienet ghadha kemm insterqet.

Ikkunsidrat:

Illi meta xehed f'dawn il-proceduri Kurt Buttigieg huwa ma kellu ebda diffikulta sabiex jidentifika lill-imputat bhala l-persuna li ra jitlaq bir-rota tieghu li kienet parkeggjata quddiem il-hanut minn fejn kien qed jixtri l-parts. Inoltre Carmelo Camilleri, sid il-hanut identifika lill-imputat bhala l-persuna li kien qieghed fil-hanut flimkien ma' Buttigieg ftit tas-sekondi qabel ma ttiehdet ir-rota. Il-Qorti inoltre setghat tikkonstata li fir-ritratt immarkat bhala Dok. DB3 il-persuna li tidher qed issuq ir-rota tista' tintaghraf b'mod

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udejnza tat-22 ta Marzu 2012
[2] Li wkoll xehed waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu 2012.
[3] Cd relattiv inserit a fol. 67 tal-atti processwali u stills relattivi nseriti a fol. 23.

car bhala l-imputat fil-kawza odjerna. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Sylvester James kien il-persuna li seraq ir-rota fl-1 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-11.00 minn quddiem il-hanut 'Mario Camilleri' f'Canon Road, Santa Venera.

L-imputat jinsab ukoll akkuzat li huwa recidiv u li kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, li huwa recidiv u li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-imputazzjonijiet lkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi stante li l-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenzi relattivi (inseriti a fol. 26 sa 29 u a fol. 59 sa 64) u ghalhekk l-imputat sejjer jinstab hati taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv u li kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza u m'ghandhiex triq ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva. In kwantu jirrigwarda s-sentenza sospiza l-Qorti qed tordna li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza tal-11 ta' Mejju 2011 jigi fis-sehh.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261, 267, 279(a) u 28A sa H, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tielet(3), tar-raba'(4) u tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija u inoltre tordna li l-perijodu ta' sentejn(2) prigunerija li gie kkundannat permezz tas-sentenza tal-11 ta' Mejju 2011 jigu fis-sehh b'effett millum sabiex b'hekk l-imputat ghandu jiskonta perijodu kumplessiv ta' tlett snin(3) prigunerija. In vista tal-fatt li t-tieni(2) mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------